TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 14/13 (JE).

Carmelo u Frances Camilleri

vs

Agius Agricultural Trading Ltd.

Illum, 29 ta' Mejju 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Carmelo u Frances Camilleri li fih qalu illi xtraw pompa ta' l-ilma għall-prezz ta' tmenin euro (€ 80) mingħand is-soċjetà konvenuta u ħallsu sebgħin euro (€ 70) għall-istallazzjoni bl-intendiment illi ttella' ilma sa tnejn u erbgħin (42) metru. Minkejja illi biddlu l-pajp, xorta dina l-pompa m'hix ittella' l-ilma. Is-soċjetà konvenuta kellha tiġi tiċċekja l-pompa imma ma ġietx. Għaldaqstant, l-atturi talbu r-rifużjoni tal-mija u tnejn u ħamsin euro (€ 152) (sic) imħallsa mill-atturi għal din il-pompa u għall-istallazzjoni tagħha.

Ra r-risposta is-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha ċaħdet l-allegazzjonijiet tal-atturi u ddikjarat illi lesta illi tieħu l-pompa lura u tagħti lill-atturi l-flus illi nefqu għall-istess pompa imma ma tistax tirrifondi l-flus tal-istallazzjoni illi l-anqas ma kienet professjonali.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Din il-kawża setgħet faċilment tiġi evitata jew tranżatta kieku l-partijiet urew ftit bwon sens. Mill-provi prodotti, it-Tribunal m'huwiex konvint illi l-ilma m'hux qed jitla' minħabba xi difett jew nuqqas fil-pompa u m'hux minħabba istallazzjoni defiċjenti u dana kif qed tallega s-soċjetà konvenuta. Irid jingħad ukoll illi s-soċjetà konvenuta uriet disponibilità sabiex tirranġa dina l-vertenza imma tali disponibilità ma' ġietx reċiprokata.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.